MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 210/2007

Il-Pulizija
(Spt. J. Mercieca)
Vs
Costantino Felice
Clint Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fis-26 ta' Ottubru, 2005, ghall-habta tad-9 a.m. fil-fond Dream Cottage, Tal-Kanuni, limiti tar-Rabat,

a. bil-hsieb li jikkomettu delitt ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom, u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262 tal-Kapitolu 9, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, u bil-

lok u liema attentat sar fuq il-koppja Grazia u Francesco Camilleri li ghandhom iktar minn 65 sena;

b. ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Grazia Camilleri ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(a) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skond kif iccertifikat Dr Debbie St. John M.D. mill-isptar San Luqa;

c. talli, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew u/jew issekwestraw lil ghadd ta' persuni kontra l-volonta' taghhom;

d. fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna, u cioe' feriment fuq il-persuna ta' Grazia Camilleri, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

e. zammew fil-pussess taghhom u garrew armi tan-nar w munizzjon minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

f. heddew bil-fomm lil koppja Camilleri u lil Lee Cortis u Stephanie Cortis b'delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

g. finalment, Clint Zammit wahdu, akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fis-26 ta' Ottubru, 2005, u/jew fil-jiem ta' qabel, saq vettura VW Golf, numru tar-registrazzjoni ABB925 minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Mejju, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli tal-ligi kollha msemmija fin-Nota ta' l-Avukat Generali tat-8 ta' Novembru, 2006, kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet liz-zewg appellati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lil Costantino Felice ghal prigunerija ta' tnejn u ghoxrin (22) xahar sospiza ghal erba' (4) snin, u kkundannat lil Clint Zammit ghal

prigunerija ta' sentejn (2) sospiza ghal erba' (4) snin u wara li rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghamlet ordni ta' supervizzjoni li permezz ta' dan l-ordni qeghdet lill-appellati taht is-supervizzjoni ta' Ufficjal Sorveljanti mahtur mid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation ghal kull wiehed miz-zewg appellati ghal perjodu ta' sentejn (2) in kwantu jirrigwarda lil Clint Zammit u ghal perjodu ta' tnejn u ghoxrin (22) xahar in kwantu jirrigwarda lil Costantino Felice. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-qorti kkundannat liz-zewg appellati jhallsu nofs kull wiehed ta' l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontriehom u fejn applikat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Costantino Felice ghal prigunerija ta' tnejn u ghoxrin xahar sospizi ghal erba' snin u imponiet fuqu ukoll Ordni ta' Supervizzjoni ghal perjodu ta' tnejn u ghoxrin xahar, u lil Clint Zammit ghal prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin u imponiet fuqu ukoll Ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu ta' sentejn, u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi u tapplika korrettement l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Avukat Generali, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li l-Ewwel Qorti erronjament applikat l-artikolu 28A (1) tal-Kodici Kriminali stante li l-*minimum* previst mil-ligi ghad-delitti li taghhom gew misjuba hatja l-appellati igorr *minimum* oghola minn sentejn prigunerija bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant l-appellati ma setghux jibbenefikaw minn sentenza sospiza. 2. Illi dan il-kaz kien jimmerita piena ta' prigunerija effettiva w mhux sospiza w l-piena moghtija

hija miti ferm tenut kont tal-gravita' tal-kaz odjern. L-appellanti gew misjuba hatja li kkagunaw offiza gravi fuq il-persna ta' Grazia Camilleri w li kisru d-dispozizjonijiet tal-artikolu 86 u 87 tal-Kodici Kriminali. 3. Illi meta l-Ewwel Qorti ordnat li l-appellati jitqieghdu taht *supervision order* ai termini tal-art.28G tal-Kodici Kriminali, naqset illi tosserva d-dettam tal-istess artikolu tal-ligi w ma semmietx hi l-isem tal-*probation officer* imma ordnat li kopja tas-sentenza appellata tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation [recte: Direttur tas-Servizzi ta' Probation] sabiex jigi nominat ufficjal sorveljanti ghal kull wiehed miz-zewg imputati. 4. Illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta applikat l-art. 533 tal-Kodici Kriminali w ordnat li l-ammont li ghandu jithallas tal-ispejjez peritali ghandu jithallas mill-appellati nofs kull wiehed, pero' imkien fis-sentenza ma hemm imsemmi f' kemm zmien irid isir il-hlas u dan l-ammont ma giex stabbilit fis-sentenza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xiehda tal-Ispettur Joseph Mercieca;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2007, li bih Dr. Gatt u Dr. Valentino ghaz-zewg appellati ddikjaraw li kienu qed jaderixxu mat-tielet u r-raba' aggravji tal-Avukat Generali;

Rat in-Nota tal-appellati tat-30 ta' Lulju, 2007 dwar il-kalkolazzjoni tal-piena;

Rat in-Nota responsiva tal-Avukat Generali tas-7 t' Awwissu, 2007,

Rat l-ordni tahha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell limitat ghall-piena erogata fil-kaz taz-zewg appellati. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] , “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.) u dan japplika kemm f' kazijiet fejn l-appell ikun tal-hati kif ukoll fejn l-appell ikun gie ntavolat mill-Avukat Generali.

L-Avukat Generali jibda' biex jghid li f' dan il-kaz ma setghetx tinghata piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza w dan ghaliex il-*minimum* tal-piena karcerarja fil-kaz taz-zewg appellati kien jeccedi dak ta' sentejn prigunerija.

Iz-zewg partijiet ghamlu sottomissjonijiet orali dwar il-piena erogabbli skond il-ligi w bil-permess tal-Qorti anki pprezentaw noti fir-rigward ta' din il-kalkolazzjoni tal-piena. Fil-waqt li l-appellati Costantino Felice u Clint Zammit jghidu li l-piena minima applikabbli ghar-reati ammessi minnhom kienet dik ta' tmintax il-xahar, l-Avukat Generali jirritjeni li fil-kaz ta' Costantino Felice l-*minimum* applikabbli hu dak ta' hames snin prigunerija ghall-ewwel reat biss, fil-waqt li dak ta' Client Zammit - bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 - hu ta' tlitt snin prigunerija wkoll ghall-ewwel reat biss. Biex jaslu ghall-kalkolu taghhom iz-zewg appellati pero' qed jassumu li ghandu jkun hemm riduzzjoni tal-piena bi grad ghax kellhom fedina penali netta, ghamlu ammissjoni bikrija w, fil-kaz ta' Zammit, ghax kien ghadu minorenni. Altrimenti jikkoncedu li fil-kaz ta' Felice, l-*minimum* kien ta' disgha w ghoxrin xahar u nofs (29 1/2) priguneriuja w, fil-kaz ta' Zammit, kien ta' wiehed u tletin xahar u nofs (31 1/2) .

Hu ovvju li jekk huma tajbin il-kalkoli tal-appellant Avukat Generali ma setghetx tigi applikata s-sentenza sospiza w jekk ghandhom ragun l-appellati fil-kalkolu taghhom, dan kien legalment possibbli.

Din il-Qorti kkalkolat mill-gdid il-piena minima fil-kaz ta' kull wiehed mill-appellati kif gej :-

Illi jibda' biex jintqal li ghall-fini tal-piena r-reati kontemplati taht it-tieni w t-tielet imputazzjoni jigu assorbiti fir-reat ta' tentattiv ta' serq aggravat taht l-ewwel imputazzjoni. Dan ghaliex hemm il-konkors formali jew ideali bejn l-ewwel zewg imputazzjonijiet u, fil-kaz tat-tielet imputazzjoni ghax ir-reat ta' sekwestru tal-persuna serva bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reat aktar gravi kontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

Issa il-piena ghar-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza konsistenti f' ferita gravi w maghmul fil-konfront ta' persuna li tkun ghalqet is-sittin sena u akkompanjat bil-kwalifika tal-valur u tal-lok, tkun dik ta' minn erba snin sa tnax il-sena jekk il-piena tizdied bi grad u ta' hames snin sa ghoxrin sena jekk tizdied b' zewg gradi w ma tinghatax fil-minimum taghha. Dan ifisser li mal-minimum ta' erba snin irid jizdied it-terz (1/3) tad-differenza bejn il-minimu bla aggravanti (3 snin u l-massimu 9 snin = sitt (6) snin = 1/3 = sentejn.) Ghalhekk il-minimu ghar-reat kunsmat hu ta' sitt snin. Jekk umbaghad skond l-artikolu 41(1), fejn il-piena titnaqqas bi grad jew tnejn, wiehed jiehu l-ipotesi aktar vantagguza ta' riduzzjoni f' zewg gradi, l-piena minima titnaqqas ghal wahda ta' erba snin ghall-ewwel reat wahdu fil-kaz tal-appellat Felice.

Fil-kaz tal-imputat Clint Zammit jekk din terga' titnaqqas b' zewg gradi ghax kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena, il-piena minima tigi ta' sentejn prigunerija ghall-ewwel reat wahdu.

Bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni (art. 17 tal-Kap.9) umbaghad ghar-raba' imputazzjoni tal-garr ta' arma waqt il-kommissjoni ta' delitt li ghandha piena minima ta' tlitt xhur prigunerija, jizdied minimu ta' terz ta' din il-piena ossia xahar iehor fil-kaz tal-imputat Felice u ghas-sitt imputazzjoni ta' theddid b' delitt li jgib piena minima ta' xahar jizdied terz ta' din il-piena cioe' ghaxart ijiem ohra prigunerija. Ma hemmx piena minima karcerarja tassattiva ghar-reati l-ohra. Ghalhekk fil-kaz tal-

imputat Felice l-inqas piena possibbli w erogabbli kienet dik ta' erba snin, xahar u ghaxart ijiem prigunerija.

Fil-kaz tal-appellat Clint Zammit, minkejja r-regoli tal-konkors tal-pieni, l-piena minima karcerarja erogabbli tibqa' dik ta' sentejn prigunerija ghax skond l-art. 31 (1)(c) jekk piena ta' xahar u dik ta' ghaxart ijiem prigunerija titnaqqas bi grad tista' addirittura tinzel ghal wahda ta' ammenda.

Ghalhekk fil-kaz tal-appellat Felice l-Ewwel Qorti kienet legalment prekluza milli tapplika l-provvediment tas-sentenza sospiza w konsegwentement l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali fil-kaz ta' dan l-appellat huwa ben fondat u qed jigi akkolt. Fil-kaz tal-appellat Zammit pero' in vista tal-applikazzjonijiet tar-riduzzjonijiet kollha possibbli w immaginabbli skond il-ligi, il-piena ta' sentejn prigunerija erogata sospiza ghall-erba snin kienet strettament u b' xofer legalment possibbli. Ghalhekk l-ewwel aggravju f' dan il-kaz mhux fondat u qed jigi respint.

It-tieni aggravju tal-appellant pero' hu li f' kull kaz il-htija tal-appellati kienet timmerita piena aktar gravuza u certament piena karcerarja effettiva w mhux wahda sospiza.

Illi pero' l-appellati, mill-banda l-ohra, qed jargumentaw li ghandhom jibbenefikaw minn riduzzjoni ulterjuri fil-piena ghax ghamlu ammissjoni bikrija w ghandhom fedina penali netta.

Issa pero’ kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha  fil-kawza **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002] , <u>l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b’ xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’ riduzzjoni fil-piena.</u>

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha  “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**”, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**” ,

[17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

**"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", <u>but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea</u>. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, <u>such as where the accused has delayed his plea</u> in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the**

**protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”** (sottolinear ta' din il-Qorti)

Ikkonsidrat ;

Illi f'dan il-kaz, meta l-appellati tressqu l-Qorti fit-28 t' Ottubru, 2005 u gew mistoqsija jekk riedux iwiegbu w x' iwiegbu fuq l-akkuza, wiegbu li ma kienux hatja. Fl-udjenza tas-16 ta' Dicembru, 2005, wara li l-process kien avvja ruhu sew u kienu xehdu l-vittmi w diversi xhieda tal-prosekuzzjoni, l-imputati appellati, per mezz taz-zewg difensuri taghhom infurmaw lill-Qorti tal-Magistrati li kienu bi hsiebhom jirregistraw ammissjoni fi stadju opportun w dan b' riferenza ghall-ewwel, it-tielet u l-hames akkuzi. (ara verbal a fol. 65 tal-process). Il-kawza ghalhekk kellha tkompli tiehu l-kors taghha bit-tkomplija tal-kumpilazzjoni w bis-smiegh ta' diversi xhieda ohra, apparti li l-Ewwel Qorti kellha tidhol fuq diversi incidenti u talbiet ghall-varjazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-ghoti tal-liberta' provizorja, sakemm fit-8 ta' Novembru, 2006, l-Avukat Generali pprezenta n-nota tieghu bl-artikoli li tahthom setghet tinstab htija kontra l-appellati (Fol. 167 u 168). Fil-15 ta' Frar, 2007, l-appellati per mezz taz-zewg difensuri taghghom ivverbalizzaw li kienu qed jaqblu li " l-feriti li sostniet il-vittma huma ta' natura gravi u dana bla pregudizzju ghall-kwistjoni ta' htija w responsabbilta". (fol. 173) sottolinear ta' din il-Qorti. Kien umbaghad biss fis-26 t' April 2006, meta l-kawza ghaddiet ghall-istadju tad-difiza w **tmintax il-xahar wara** li kienu tressqu quddiem il-Qorti l-ewwel darba, li z-zewg imputati appellati finalment irregistraw ammissjoni, bla rizervi u inkondizzjonata fil-kaz ta' Felice, w b' rizerva tal-ahhar akkuza (g) fil-kaz ta' Zammit.

Ghalhekk bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni jew tad-djalettika legali, meta wiehed iqis “***iter”*** tal-process, ma

jista jintqal li f'dan il-kaz kien hemm xi ammissjoni bikrija, li tkun awtomatikament tintitola lill-hatja ghal xi riduzzjoni sostanzjali fil-piena. Dan anzi kien kaz fejn, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, l-appellati ***"delayed (their) plea until the final moment ".***

Konsegwentement din il-Qorti tara li mhux biss l-appellati ma ghandhomx xi dritt awtomatiku ghal xi riduzzjoni minnhabba l-ammissjoni taghhom imma addirittura f' dan il-kaz ma huma intitolati ghall-ebda riduzzjoni simili ghax ghamlu minn kollox biex il-process taghhom jitwal sal-ahhar mument possibbli, biex umbaghad, meta ma setghu jaghmlu xejn aktar, ammettew. Sadattant inhlew hafna zmien u rizorsi fuq firxa ta' sena w nofs bla bzonn ta' xejn.

Inoltre f' dan il-kaz l-appellati kienu gew idenifikati waqt l-att u ghalhekk ftit li xejn kellhom cans *"to put up a good defence"* u ghalhekk l-ammissjoni taghhom ma kienetx xi koncessjoni lill-amministrazzjoni tal-gustizzja , imma htiega espedjenti ghall-ahhar, f' tentattiv li jevitaw piena aktar harxa.

Ikkonsidrat;

Illi lanqas mhu il-kaz, kif jinghid b' mod manifestament zbaljat u qarrieqi fin-nota tal-appellati li huma *"first time offenders*". Di fatti l-appellat Felice, fis-sena 2000 kien gja instab hati ta' danni volontarji f' zewg bibien ta' skola kommess f' Dicembru, 1999, u fil-mori ta' din il-kawza nstab hati wkoll ta' pussess tad-droga eroina fl-4 ta' Mejju, 2005 (cioe' **<u>qabel</u>** ma kkommetta d-delitti mertu ta' din il-kawza). L-appellat Zammit ukoll fil-mori tal-process instab hati li forna d-droga eroina fil-15 ta' Dicembru, 2005 (**<u>waqt li kien bil-liberta' kondizzjonata f' din il-kawza</u>**) u fix-xhur ta' qabel u ta' pussess tad-droga eroina u ta' raza tal-cannabis f' cirkostanzi li jindikaw li ma kienetx ghall-uzu personali tieghu w dan f' perimetru ta' inqas min mitt-metru fejn jiltaqghu z-zaghzagh w gie kundannat ghall-piena karcerarja. Kieku l-Ewwel Qorti hadet il-briga li qabel tghaddi ghas-sentenza talbet ghall-esebizzjoni ta' fedina penali aggornata tal-appellati - **kif inhu indikat li**

**ghandha taghmel f' kazijiet ta' din ix-xorta -** forsi kienet tara dan il-kaz minn lenti ohra.

Ikkonsidrat;

Illi umbaghad il-fatti tal-kaz ftit jispiraw xi konsiderazzjonijiet ta' trattament miti f' din il-Qorti. L-imputati ma qaghdu jahsbuha xejn biex jidhlu fuq u jahtfu lil anzjan Frans Camilleri minn rasu w jatuh bil-wara ta' revolver fuq il-wara ta' rasu fil-kaz ta' wiehed mill-appellati fil-waqt li l-iehor kien qed jhedded b' senter isserrat f' idu. Tawh ukoll bis-sieq go daru. Clint Zammit li kellu s-senter ta' daqqa bil-wara tas-senter fuq ras l-anzjana Grace Camilleri u bid-daqqa qasmilha rasha. Taha wkoll daqqiet ohra fuq idejha. Grace Camilleri waqghet mall-art u stordiet. Sofriet tlitt griehi permezz ta' tlitt daqqiet tas-senter li wahda minnhom kienet ta' natura gravi. L-anzjan Frans Camilleri hassu hazin u x' hin kien fl-art regghu qabduh minn rasu w dahhluh fil-kamra tas-sodda fejn hu intilef minn sensieh. Meno male li s-serqa giet sfrattata bl-intervent ta' Lee Cortis in-neputi taz-zewg anzjani li habat ghall-Zammit b' lasta ta' xkupa w gharaf lill-appellati. Attakk bhal dan fuq zewg anzjani go darhom ghall-fini ta' serq ma jistax jigi trattat bhal xi serqa zghira, fejn kollox ta' spiss qed jibqa' ghaddej qiesu ma gara xejn.

Kif gie ritenut mil-Court of Appeal Ingliza fil-kaz citat mill-Prosekuzzjoni "**R vs. Richardson and others"** [10.2.1988] (vide Archbold Criminal Pleading , Evidence and Practice , Sweet & Maxwell , 2000, p. 1835) :

***"It was said that sentences of 13 years, 12 years and 11 years youth custody on young men of previous good character who had pleaded guilty to taking part in a series of serious robberies on houses at night where the victims were asleep but were disturbed and attacked with knives and other weapons were right in principle and not excessive. EWBANK J. giving the judgement of the court said that the time had come to reiterate what the Court of Appeal had said on other occasions. Some crimes were so heinous that a plea of youth, a plea that the crime was the first offence or***

***that the offender had never been to prison before, were of little relevance. These were such crimes [robbery in the course of burglary]. Those who took part in them, even if they pleaded guilty, even if they were young, even if they had no previous convictions, even if the victims were neither aged or infirm, nor brutalised in the presence of young children, should know that they would inevitably be subjected to immediate and long sentences."***

Umbaghad f' **"R vs. O'Driscoll"** [8 Cr. App. R. (S.) 121, il-Court of Appeal Ingliza rriteniet ukoll li :

***"the need to protect elderly people living alone who were increasingly selected by burglars for savage, sadistic , cruel and greedy attacks was emphasised by the Court of Appeal (appeal against a 15-year prison sentence for offences of aggravated burglary, robbery and causing grievous bodily harm with intent - dismissed). Where thugs selected old people living alone as victims and attacked them in their own homes and then tortured them to make them hand over their valuables in such a savage fashion, this was the sort of sentence which they could expect."*** (ara wkoll **R vs Funnell** 8 Cr. App R. (S.) 143 CA; **R vs. Dawson** 8 Cr. App. R. (S.) 405 CS u **R vs. Burnett**, 9 Cr. App. R. (S.) 450 CA.)

Ghalhekk fuq din l-iskorta ta' sentenzi, s-sottomissjonijiet tal-appellati ghall trattament miti f' dan il-kaz ma jreggux. Umbaghad il-fatt li dak li jkun jisraq ghax ikollu l-vizzju tad-droga, zgur ma jistax jittiehed bhala fattur attenwanti. Ma jistax ikun li l-Qrati jaslu ghall-assurdita' legali li l-kommissjoni ta' reati gravissimi bhal ma huma l-pussess jew l-ipprokurar tad-droga jservu bhala skuzanti jew attenwanti ghall-reati ohra serji bhal ma huma s-serq kwalifikat u l-vjolenza.

Umbaghad jekk l-appellati qed jaghmlu xi sforzi biex jirriformaw ruhom, dan ser ikun ta' gid ghalihom l-aktar imma ma jista' jservi qatt biex tigi stultifikata l-ligi kriminali li qeghdha hemm biex fl-ewwel lok u qabel kollox tittutela

d-drittijiet tac-cittadin minn agir aggressiv u spjetat bhal dak li urew l-appellati f' dan it-tentattiv ta' serq.

Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li :-
***"l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni."*** (App. Krim.Superjuri "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi"** [15-12-2005] , **"Ir-Repubblika vs. Victor Pace"** [25.1.2006] u ohrajn).

Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f'dawn il-kazijiet m'ghandix tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.

Illi inoltre minkejja li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat Clint Zammit hati tal-imputazzjoni ta' sewqan bla licenzja mill-Kumissarju tal-Pulizija u minghajr ma kien kopert b' polza tas-sigurta', ma erogatx piena ghal dawn iz-zewg reati li jaqghu rispettivament taht il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta . Fil-kaz tal-ksur tal-art. 3 tal-Kap. 104 hemm piena pekunjarja tassattiva ta' elf lira multa w sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall mhux inqas minn tnax il-xahar.

Ghalhekk it-tieni aggravju tal-Avukat Generali dwar l-applikazzjoni ta' piena karcerarja effettiva f' dan il-kaz u ta' erogazzjoni ta' piena skond il-ligi hu ben fondat u qed jigi milqugh.

Il-Qorti in vista ta' din il-konkluzzjoni m' ghandix ghalfejn tidhol fil-mertu tat-tielet aggravju.

Dwar ir-raba' aggravju, l-appellati vverbalizzaw li jaderixxu mieghu w ghalhekk din il-Qorti trid tiddetermina s-somma tal-ispejjez peritali w tiffissa z-zmien ghall-hlas tal-istess.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi

tikkonfermaha fejn sabet liz-zewg appellati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom u fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, kkundannathom ihallsu nofs kull wiehed mill-ispejjez peritali, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat Costantino Felice ghall-piena ta' pigunerija ta' tnejn u ghoxrin xahar sospizi ghal erba snin u fejn imponiet fuqu ukoll Ordni ta' Supervizjoni ghall-periodu ta' tnejn u ghoxrin xahar kif ukoll fejn ikkunndannat lill-appellat Clint Zammit ghall sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin u imponiet fuqu Ordni ta' Supervizjoni ghall-periodu ta' sentejn u, minnflok tikkundanna lill-appellat Costantino Felice ghall-piena ta' hames snin prigunerija w tikkundanna lill-appellat Clint Zammit, li fiz-zmien tar-reati kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena, ghall-piena ta' tlitt snin prigunerija kif ukoll ghal elf u hamsin lira (LM1050) multa komplessiva ghar-reati komprizi fis-seba' imputazzjoni (g) li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum tigi awtomatikament konvertita f' sitt xhur ohra prigunerija skond il-ligi w tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' sena mill-lum. Mill-periodi ta' prigunerija jitnaqqsu biss dawk il-periodi li kull wiehed mill-appellati rispettivament ghamel taht arrest preventiv **BISS** in konnessjoni ma dan il-kaz.

U fl-ahhar nett, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna wkoll liz-zewg appellati li fi zmien hmistax (15) il-jum mill-llum ihallsu lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' mija w ghoxrin lira Maltin u hamsa w sebghin centezmu (Lm120.75c) kull wiehed, li tirraprezenta nofs (1/2) l-ispejjez totali (cioe' LM241.50c) tal-perizji inkorsi f' dan il-process, u , f' kaz li dawn ma jithallsux fiz-zmien hmistax (15) il-jum mill-lum, jigu konvertiti f' terminu iehor ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------